TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

CCT/67/24/S

Simon Grech

Vs

Kind's Auto Sales Ltd

Illum 27 ta' Marzu,2025.

It-Tribunal,

Ra t-talba ippreżentata minn Simon Grech fis-26 ta' Marzu, 2024, u r-risposta tas-soċjeta' Kind's Auto Sales Ltd ippreżentata fil-15 ta' April,2024.

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' l-partijiet jew ir-rappreżentanti tagħhom kif ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet preżentati mill-partijiet.

Ikkunsidra,

Illi fi ftit kliem, din il-pendenza tirrigwarda mutur mixtri mis-soċjeta' intimata u ftit qabel it-trapas ta' sentejn mix-xiri beda' jesperjeza xi ħsarat.

Illi skont ir-rikorrenti dawn baqgħu ma ssolvewx kompletament minn naħa tas-soċjeta' intimata li sostniet min-naħa tagħha li l-mutur mhuwiex difettuż u li kellha tingħata iċ-ċans tirranġa dawn il-malfunzjonijiet tal-mutur.

Illi prinċipju bażilari tal-liġi tagħna huwa li min jallega għandu l-onoru li jipprova u dan il-prinċipju bażilari tad-dritt proċedurali huwa sitwat f'Artiklu 562 tal-Kodiċi tal-

Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili u imsejjes fuq il-massima legali *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*

Illi issir referenza ukoll għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Novembru, 2024 fl-ismijiet "**Sharon Coleiro vs Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla u Gasan Mamo Insurance Ltd**", fejn ġie dikjarat u konfermat li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegaħ u li il-Qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li parti tista' ġġib u dan ai termini tal-Artiklu 559 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili.

Illi għalkemm saret il-prova illi l-mutur mixtri mir-rikorrenti għandu xi affarijiet illi ma jaħdmux kif suppost pero' dan ma jfissirx u ma saret ebda prova konklussiva illi l-mutur huwa difettuż.

Illi ma hemmx kontestazzjoni li l-mutur għamel kważi sentejn mingħajr ma jagħti problemi lir-rikorrenti u dan huwa konferma ta' dan ġja ingħad.

Illi min-naħa l-oħra dan it-Tribunal jemmen illi r-rikorrent u cioe' il-konsumatur għandu jingħata servizz aċċettabbli wara il-bejgħ u illi kull problema li seta' jiffaċċja kellu jsib lis-soċjeta' intimata li tgħinu u toffrilu soluzzjoni.

Illi dawn il-problemi kollha li r-rikorrenti iffaċċja bil-mutur tiegħu għandhom jiġu rettifikati u rranġati fi żmien qasir da parti tas-soċjeta' intimata.

Illi tibqa' r-responsabbilta' tas-soċjeta' intimata illi toffri soluzzjoni għal problemi li beda' jiffaċċja ir-rikorrenti partikularment illi l-mutur beda' jintefa' mingħajr raġuni. Dan ġie konfermat anki bil-filmati li r-rikorrenti stess preżenta.

Illi minħabba li l-mutur tar-rikorrenti għamel żmien konsiderevoli għand is-soċjeta' intimata, it-Tribunal iħoss illi l-garanzija għandha ukoll tiġi estiża bi tliet xhur.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' it-talba *in parte* ta' Simon Grech filwaqt li jiċħad *in parte* l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' intimata fis-sens illi is-soċjeta' intimata fl-ewwel lok għandha testendi il-garanzija tal-mutur tar-rikorrenti bi tliet xhur gjala darba għamel żmien twil għand l-istess soċjeta', kif ukoll qed tingħata xahar żmien biex isewwi għas-sodisfazzjon tar-rikorrenti l-problemi kollha li ssemmew mir-rikorrenti. It-Tribunal qed jirriserva li jiddeċiedi fuq danni jekk dan ma jseħħx. Kull parti għandha tħallas l-ispejjeż rispettivi ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru